Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 86/2016

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Miriam Caruana

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Miriam Caruana detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 014784M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Settembru 2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-

Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs medicina (raza tal-cannabis) li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, titratta mal-imputata talli kisret il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta u datata 12 ta' Novembru 2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 260, l-Artikoli 17(f), 17(h) u 31 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b) (li fic-citazzjoni odjerna hija mmarkata bhala imputazzjoni (c)) u (c) (li fic-citazzjoni odjerna hija mmarkata bhala (d)), ikkundanata ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750).

In oltre fir-rigward tal-ahhar imputazzjoni, il-Qorti trattat mal-hatja dwar l-imputazzjoni li dwarha kienet instabet hatja permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru 2009 daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti dwar dik l-imputazzjoni u fil-waqt li ghal kull buon fini qeghda tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imputazzjoni mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9, ikkundannata ghal piena ta' multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ta' multa erogata b'din is-sentenza, li komplessivament tammonta ghas-somma ta' elf Euro (€1,000), tista' tithallas mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament jithallas fi zmien xahar minn meta l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi jekk hija tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, erbgha u hamsin Euro u sitta u sebghin centezmu (€154.76) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 186 Kristian Mintoff ammontanti ghas-somma ta' sebgha u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€37.82), b'kollox ammontanti ghas-somma ta' mija, tnejn u disghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€192.58), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mil-lum. B'dan illi kemm il-darba hija tonqos milli thallas dan l-ammont fiz-zmien lilha preskritt, kwalunkwe bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-kaz, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja li ghandha bzonn sabiex tirrijabilita ruhha mill-vizzju tad-droga, inkluz jekk ikun necessarju, billi tiskonta din il-piena gewwa l-*Forensic Unit*, fl-Isptar Monte Karmeli.

Il-Qorti qed ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Miriam Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Frar, 2016, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija u tirrevokain kwantu nghatat kundanna ta' piena karcerarja ghal zmien ghaxar xhur (10) u multa komplessiva ta' elf ewro (Eur 1,000) billi tissostitwixxi ghall-istess piena, piena anqas, u li tkun aktar addattata ghac-cirkostanzi tal-kaz, u sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija gusta, tapplika minflok piena karcerarja, sentenza sospiza fil-konfront ta' l-istess appellanta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanta Miriam Caruana huma cari u manifesti u jikkonsistu limitament għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti:

a. Illi l-piena hija eccessiva u dan meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi l-appellanta, kienet ammettiet l-akkuzi kontriha. Meta ammettiet l-appellanta, id-difiza kienet ghadha ma bdietx tressaq il-provi taghha. Hafna drabi, fejn ikun hemm ammissjoni, il-imputat jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena.
b. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanta qed tikkontendi, u dan minghajr pregudizzju, illi anke jekk haqa l-prigunerija ta' ghaxar xhur u multa ta' elf ewro, bl-istil ta' hajja li irnexxiela tintrapprendi fi ftit xhur huwa ta' fattur posittiv sia ghaliha, sia ghat-tfal taghha u sia ghas-socjeta in generali. Fil-fatt, hija qieghda tfittexopportunita' ta' impjieg fiss biex b'hekk tkun tista' tibda tmantni lilha nnifisha u lit-tlett itfal taghha. Il-fatt illi l-appellanta ser tispicca lura l-habs, hija certament ser terga titlef kull sens ta' direzzjoni f' hajjitha filwaqt lir-rapport li qed tipprova terga tirrinstatura mat-tfal taghha certament ha jkollu impatt negattiv fuqu. Allura, jekkpersuna tizbalja, anke ghal izjed minn darba, din l-istess persuna ma ghandiex dritt li terga' tipprova tibda hajjitha mill-gdid? Kullhadd huwa uman, u ghaldaqstant soggett ghal izbalji. L-appellanta, illum irrejalizzat l-izbalji taghha, irrealizzat ukoll kemm kien hemm nies li approfittaw ruhhom mill-vulnerabilita' taghha u kemm verament tixtieq tibda pagna gdida f' hajjitha u f' hajjet uliedha. Il-kuncett ta' 'crime does not pay' ma ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-lum. L-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena ma ghadhux biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominant, pero' illum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn jekk hu possibli u safejn hu possibli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma lit kun soffriet

danni u sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi reformat u jikkonvigi ruhhu illi ghandu jsegwi t-triq t-tajba.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi li dwarhom l-appellanti giet misjuba hatja u cioe' ir-reati ta' pussess aggravat ta' droga bl-aggravvanti illi dan l-istess reat sehh gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Tilmenta illi kienu jezistu l-attenwanti kollha sabiex il-piena karcerarja ta' ghaxar xhur prigunerija u multa ta' €750 titqies illi hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Dan ghaliex l-appellanti ammettiet l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, illi hija kellha tibbenefika mid-dispost ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-massimu billi assistiet lill-pulizija fl-investigazzjonijiet oltre ghal fatt illi l-akkuzi jirrisalu ghas-sena 2010 u l-kaz tressaq il-Qorti mill-Prosekuzzjoni sentejn wara fl-2012.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be**

**reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Illi l-piena stabbilita ghar-reat tal-pussess aggravat ta' droga meta dan jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ghandha tkun dik ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u ghaxar snin flimkien ma' multa ta' bejn €465.87 u €11646.87. Issa l-appellanti di piu giet misjuba hatja illi dan ir-reat sehh fil-bini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn allura b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 260 il-piena ghandha tizdied bejn minimu ta' xahar sa massimu ta' tmintax-il xahar prigunerija. Illi allura il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' sew fil-parametri dettati fil-ligi u dan meta

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

sahansitra ghaddiet biex applikat id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101. Illi allura l-piena kienet addirittura toqrob lejn il-minimu u dan meta wiehed iqies kemm il-fedina penali piuttost refrattarja ta'l-appellanti, kif ukoll ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-Probation li spjegat sew il-problema akuta li ghandha l-appellanti tal-abbuz tad-droga erojina meta hija omm ta' tlett itfal. Problema li fil-fehma tal-imsemmija Ufficjal ghandha tigi indirizzata minnufih. Kien ghalhekk allura li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex taghmel rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellanti tinghata l-kura professjonali li ghandha bzonn tul id-detenzjoni taghha. Dan bit-tama illi hija teghleb il-vizzju li ghandha ghal gid taghha u ta' uliedha. Il-mottiv li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex taghmel dan huma spjegati b'mod dettaljat fid-decizjoni impunjata, li din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn izzid iktar maghhom.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata. Il-Qorti taghmel taghha ir-rakomandazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellanti tinzamm fit-Taqsima Forensika tal-Habs kif ukoll li tinghata l-ghajnuna professjonali mehtiega tul il-permanenza taghha gewwa il-Habs sabiex teghleb il-vizzju taghha tad-droga.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza, kif ukoll tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur